**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**It-Tnejn 17 ta' April 2023**

**Laqgħa b'urġenza Numru 57**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

57.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard fetaħ il-laqgħa, fejn qal li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti.

57.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku jiftaħ id-diskussjoni.

57.3 Is-Sindku beda biex qal li l-Perit għamel 5 pjanti tal-monti ta' fost il-ġimgħa b'ħames qisien tal posti differenti li huma 7 piedi, 10 piedi, 11 il pied, 15 il pied, 18 il pied li jinkludu 35 posta f'kull waħda. Dawn ipprezentahom lill-Kunsilliera biex jarawhom. Qal li l-Kunsill qatt ma tellef lil tal-monti imma nqala xi diżgwid u ta' min jinnota li l-monti ilu jarma minn dejjem.

Semma li l-*Masterpla*n xi darba la jsir ikunu solvuti ħafna problemi anke fejn jidħlu l-imwejjed u s-siġġijiet. Qiegħed jipproponi li fil-laqgħa tal-Kunsill tal-24 t'April 2023 jigu rapprezentanti tal-monti fil-5.00pm sa 5.30pm u rapprezentanti tal-ħwienet mill-5.30pm sas-6.00pm biex jitkellmu mal-Kunsill. Sar qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku qed jgħid li l-pjanta bil qies ta' 15-il pied hi l-aħjar qies fil fehma tiegħu.

Elenia Desira qalet li fis-sena 2011 il-Kunsill ipprova li jasal f'kompromess bejn il-monti u r-restoranti. Dr Mary Muscat u Stephen Caruana ma kellhomx kummenti f'dan l-istadju.

Daniel Zerafa iddikjara kunflitt ta nteress, pero xtaq li jikkummenta. Hu qal li l-qies ta' 15-il pied huwa l-iktar favorevoli lejn il-Local Plan section MM12. Hu ġibed l-attenzjoni li kull każ wara 2011 mit-Tribunal tal-Planning Authority bejn ir-restoranti u tal-monti ingħataw raġun lil tal-monti. Ippreżenta xi dokumenti tal- każijiet f'dan ir-rigward peress li jimxu mal Marsaxlokk Local Bay Plan.

Saret diskussjoni fuq il-passaggi bejn il-posti. Inġenerali kien hemm qbil preliminarju li l-qies ta 15il pied huwa aċċettabli u jistgħu isiru xi emendi zgħar. Daniel Zerafa ppreżenta numru ta' sentenzi tal-qorti konkluzi u talab li jigu arkivjati fil-Kunsill. Dr.Muscat staqsiet hemm'x xi marki mal-art u s-Sindku wegiba li iva hemm marki mal-art imma problem xorta jinqalgħu.

Sar qbil unnanimu minn dawk prezenti li l-laqgħa tiġi aġġornata.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:25pm, il-Kunsill aġġorna għal-laqgħa li jmiss fl-24 t'April 2023 fl-4.30pm

**Ikkonfermati llum it-Tnejn 24 ta' Frar 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Steven Grech** | **Carmel Attard** |
| Sindku | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |

*PROPONENT* *SEKONDANT*